## 1. Benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti

1.1 Is-sejħa għall-applikazzjonijiet hija suġġetta għal kwalunkwe kundizzjonijiet u regoli/regolamenti li joħorġu mill-Public Service Management Code, li jista' jiġi aċċessat minn https://publicservice.gov.mt/en/public-service-management-code-page, u mill-manwali supplimentari tiegħu.

1.2 Il-persuna maħtura tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi oħra hekk kif jista' jkun stipulat fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-Union kompetenti.

1.3 Il-ħatra, li sakemm mhux speċifikat mod ieħor fis-sejħa għall-applikazzjonijiet hija full-time, taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, u fid-dipartiment/diviżjoni/direttorat li fih teżisti l-vakanza b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

1.4 Fil-każ ta' ħatra għal karigi ta' natura definita (jiġifieri fejn hemm raġuni oġġettiva), jekk persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku li għandha ħatra indefinita fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, irrispettivament jekk tali ħatra indefinita hix konfermata jew le, huwa/hija żżomm il-ħatra indefinita tiegħu/tagħha waqt il-perjodu tal-assenjament u terġa' lura għall-ħatra indefinita tiegħu/tagħha meta l-assenjament jintemm jew ma jiġix imġedded. Fil-każ li l-persuna magħżula li ma tkunx uffiċjal pubbliku, l-impjieg tiegħu/tagħha mal-ministeru/dipartiment/diviżjoni/direttorat li qiegħed jimpjegaha kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li l-assenjament jiġi tterminat jew ma jkunx imġedded.

1.5 Jekk persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/Gratuity tiegħu/tagħha tiġi maħduma fuq is-salarju bażiku tal-grad sustantiv tiegħu/ tagħha, jew fuq is-salarju bażiku tal-kariga attwali tiegħu/ tagħha, jekk inqas, fil-punt ta' tluq mis-Servizz.

1.6 Għal fini ta' eliġibbiltà, breaks of service jistgħu jiġu meqjusa fejn tidħol komputazzjoni ta' 'servizz fil-grad' jew 'esperjenza', jekk u kif applikabbli, kif provdut fil-paragrafi 3.10 u 3.11 tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures.

1.7 L-aċċettazzjoni ta' ħatra indefinita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku titqies awtomatikament rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita, jew applikazzjonijiet minn uffiċjali residenti Għawdex li jkunu aċċettaw ħatra f'Malta waqt li jkollhom applikazzjoni pendenti għal kariga f'Għawdex, jew applikazzjoniet għal kariga/ pożizzjoni indefinita li tkun ogħla minn dik aċċetta

L-aċċettazzjoni ta' ħatra definita tfisser li kwalunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku titqies awtomatikament rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC/ADAC, jew applikazzjonijiet għal post/pożizzjoni indefinita, jew applikazzjonijiet minn uffiċjali residenti Għawdex li jkunu aċċettaw ħatra f'Malta waqt li jkollohom applikazzjoni pendenti għal pożizzjoni definita f'Għawdex, jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita li tkun ogħla minn dik aċċettata.

1.8* Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qed jiġi reklamat huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa. L-Applikabbilta' ta' din il-klawsola hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżiti ta' eligibbilta' speċifikat fil-ftehim settorjali li jirregola l-klassi rispettiva.

Iżda uffiċjal li jkollu/ha pożizzjoni ta' natura definita (jiġifieri b'raġuni oġġettiva), li j/tinsab fl-aħħar erba' (4) xhur tat-terminu definit tiegħu/tagħha, j/tista' j/tapplika lateralment, anke jekk il-pożizzjoni reklamata għandha l-istess speċjalizzazzjoni li huwa/hija għandu/ha bħalissa.

Fil-każ ta' sejħiet għall-applikazzjoni fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti:

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u jekk jinħatru għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti, u

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom ikunu konfermati fil-ħatra, u għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2), qabel japplikaw lateralment. Din l-aħħar kundizzjoni (jiġifieri li jservu fil-kariga għal minimu ta' sentejn) ma tapplikax għal skopijiet ta' promozzjoni.

*** Xi eċċezzjonijiet japplikaw fil-każ ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet maħruġa biex jimtlew postijiet vakanti f'Għawdex, f'liema każ id-dispożizzjonijiet rispettivi huma indikati fis-sejħa għall-applikazzjonijiet innifisha.**

1.9 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat ikun għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra b'riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

1.10 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli biex jieħdu l-ħatra dovuta tagħhom, f'termini tar-rekwiżiti tas-sejħa għall-applikazzjonijiet rispettiva, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

## 2. Arranġament raġonevoli għal persuni rreġistrati b'diżabbiltà

2.1 Persuni rreġistrati mal-Aġenzija Sapport jistgħu jingħataw arranġament raġonevoli skont l-Artikolu 27 tat-Tieni Skeda tal-Att tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (Kapitolu 627 tal-Liġijiet ta' Malta) kif interpretat aktar mir-Raba' Skeda tal-istess Att, anke jekk ma jissodisfawx, b'mod sħiħ, ir-rekwiżiti għal din il-kariga/pożizzjoni, sakemm ikunu jistgħu jaqdu, essenzjalment, id-dmirijiet relatati mal-post/pożizzjoni u suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kumissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

2.2 Is-sottomissjonijiet għal arranġament raġonevoli għandhom isiru skont il-formola speċifika li tinsab fis-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards https://publicservices.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx (People Resourcing and Compliance – forms and templates), li għandha tiġi mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni u għandha tkun imsaħħa b'dokumentazzjoni rilevanti li tinkludi evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni mal-Aġenzija Sapport. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġonevoli għaliex ir-rekwiżiti kollha tal-eliġibbiltà mhux qegħdin jiġu sodisfatti u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet raġonevoli. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-dipartiment/direttorat/diviżjoni riċeventi.

2.3 Barra minn hekk, f'dawk il-każijiet fejn is-sejħa għall-applikazzjonijiet tistipula d-dħul fil-grad/pożizzjoni permezz ta' eżami, kemm pubblika kif ukoll interna, fil-każ ta' persuni b'diżabbiltà li huma rreġistrati mal-Aġenzija Sapport, isiru arranġamenti speċjali għall-eżami hekk kif stabbilit fil-University of Malta Guidelines to MATSEC Examinations Access Arrangements, 2011 (li jistgħu jiġu aċċessati minn http://www.um.edu.mt/about/services/support/access).

## 3. Kwalifiki

3.1 Kwalifiki f'livell ogħla minn dak speċifikat jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat. Kwalifika ta' Masters fil-Livell 7 tal-MQF, jew ekwivalenti, għandha tinkludi minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti[1]*.

*Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Masters mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

3.2 Fil-każ ta' kandidati li jinħatru qabel ma jiksbu l-kwalifika meħtieġa sad-data stipulata fis-sejħa għall-applikazzjonijiet rispettiva, japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

a. Il-perjodu ta' prova u d-dritt ta' progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra.

b. Dawn il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji sakemm jiksbu l-kwalifika jew jiġu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata.

[1] Tinkludix jekk ma jkunux qed jintalbu kwalifiki.

c. Marki għal kwalifiki rilevanti addizzjonali jistgħu jingħataw biss għal kwalifiki miksuba sad-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidat li jipprovdi evidenza li l-ECTS meħtieġa nkisbu sa dik id-data jista' jingħata marki skont dan, jiġifieri l-Bord tal-Għażla jista' jagħżel li jagħti waħda mill-marki aktar baxxi jekk issostanzjat minn traskrizzjoni disponibbli.

## 4. Dispożizzjonijiet applikabbli għall-applikanti li huma impjegati fis-Settur Pubbliku

4.1 Biex jiġi determinat il-livell ta' responsabbiltà komparabbli tal-impjegati tas-Settur Pubbliku li bħalissa qed jaqdu dmirijiet fis-Servizz Pubbliku u impjegati tal-RSSL għal-livell ta' responsabbiltà meħtieġ minn uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal din il-kariga, il-Bord tal-Għażla għandu dejjem u formalment jikkonsulta mad-direttur/HR manager responsabbli tal-entità rispettiva tas-Settur Pubbliku.

4.2 L-arranġament attwali, li bih impjegati tas-Settur Pubbliku ssekondati mas-Servizz Pubbliku jibqgħu fuq il-kotba tal-entità rispettiva, jibqa' japplika, bil-kunsens tal-entità, fil-każ ta' ħaddiema tas-Settur Pubbliku li jintgħażlu għall-post.Ħaddiema tal-RSSL li jiġu magħżula għal dan il-post ikollhom l-impjieg tagħhom mal-RSSL awtomatikament terminat wara li jtemmu b'suċċess il-perjodu ta' prova.

## 5. Sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki

5.1 B'eċċezzjoni għal dawk il-kwalifiki msemmija fil-paragrafu 5.2 u 5.3 hawn isfel, l-applikanti għandhom jipproduċu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni (MQRIC) fi ħdan l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, li għandha tinkiseb billi tiġi ppreżentata 'Applikazzjoni għar-Rikonoxximent tal-Kwalifiki' online fuq https://mfhea.mt/academic-qualifications/. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

5.2. Qabel ma jiġu mitluba dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki skont paragrafu 5.1, il-kandidati huma mitluba l-ewwel jikkonsultaw id-Database tal-Kwalifiki ta' Malta tal-MFHEA li tista' tinkiseb minn http://qualifications.ncfhe.gov.mt/#/dashboard. L-applikanti huma eżentati milli jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent hekk kif imsemmi f'paragrafu 5.1 jekk qegħdin jippreżentaw kwalifiki mniżżla f'din il-lista. Il-kandidati għandhom jippreżentaw kopja stampata ta' din il-lista li tinkludi l-kwalifika meħtieġa.

5.3 Mhumiex meħtieġa dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximenti mill-MQRIC għall-kwalifiki maħruġa minn istituzzjonijiet Maltin li huma self accrediting, jiġifieri mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) u l-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS); jew kwalunkwe kwalifika Maltija li ġiet akkreditata mill-MFHEA, li fuq iċ-ċertifikat jingħad li 'l-Awtorità Maltija għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla jidhrilha li dan iċ-ċertifikat huwa ta' MQF ____________'.

5.4 Fejn jikkonċerna l-kwalifiki l-oħrajn kollha li ma jaqgħux taħt paragrafu 5.2 u 5.3, l-

applikanti huma meħtieġa jissottomettu dikjarazzjoni ta' rikonoxximent kif spjegat f'paragrafu 5.1. Dawk l-applikanti li m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom, u mhux aktar tard minn erba' (4) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Kandidati jistgħu jiġu assessjati b'mod proviżorju sakemm ikunu għadhom qed jistennew id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC. Tali kandidati jiġu skwalifikati mill-proċess tal-għażla jekk id-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC tkun fin-negattiv jew jekk id-dikjarazzjoni ma tiġix preżentata fi żmien erba' (4) xhur mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, suġġett li hemm il-vakanzi, il-ħatra ma ssirx qabel tiġi preżentata d-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-MQRIC.

## 6. Sottomissjoni ta' rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà, pubblikazzjoni tar-riżultat u sottomissjoni ta' oġġezzjonijiet dwar ir-riżultat

6.1 Rappreżentazzjonijiet dwar ineliġibbiltà jistgħu jsiru mill-kandidati lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Palazz Spinola, Livell 2, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet, bil-miktub, għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien ħamest (5) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha l-kandidat ikun infurmat mill-Bord tal-Għażla li hu/hi mhuwiex eliġibbli.

6.2 Fil-każ ta' postijiet anqas minn Skala 5, ir-riżultat jiġi ppubblikat minn, u esibit fuq in-noticeboard, tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat (i) jidher fis-sit elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet u (ii) jintbagħat permezz ta' SMS lill-kandidati li jkunu qagħdu għall-proċess tal-għażla u li jkunu ssottomettew numru tal-telefown ċellulari u indirizz elettroniku validu mal-applikazzjoni tagħhom.

6.4 Fil-każ ta' postijiet fi Skala 5 jew ogħla, ir-riżultat jintbagħat personalment lill-kandidati mid-dipartiment/diviżjoni/direttorat li qed joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

6.5 Oġġezzjonijiet għar-riżultat għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha tidher notifikazzjoni fuq is-sit elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat li tgħid li r-riżultat ħareġ. L-applikanti għandhom jiċċekkjaw regolarment is-sit elettroniku rispettiv sabiex ikunu konxji tal-pubblikazzjoni tar-riżultat. Nuqqas li persuna tirċievi avviż dwar il-ħruġ ta' riżultat permezz ta' SMS ma jikkostitwixxix ġustifikazzjoni biex titressaq oġġezzjoni għar-riżultat wara l-għaxart (10) ijiem ta' xogħol imsemmija. L-oġġezzjonijiet fil-każ ta' postijiet fi Skala 5 jew ogħla jridu jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data li fiha jintbagħat ir-riżultat lill-applikant.

## 7. Eżami Mediku

7.1 Biex ikunu eliġibbli għall-ħatra f'ċerti setturi partikolari, l-applikanti jistgħu jintalbu jagħmlu eżami mediku u jissodisfaw kriterji fiżiċi partikolari, bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni.

## 8. Aċċess, sottomissjoni u riċevuta għall-applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi fuq il-formoli li jistgħu jitniżżlu minn https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates. aspx
jew jinkisbu mid-dipartiment/diviżjoni/direttorat riċeventi.

8.2 Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' ittra elettronika, fax jew xi messaġġ ieħor simili sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-dipartiment/diviżjoni/direttorat riċeventi mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax u l-indirizz elettroniku jidhru fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.3 (a) Tingħata rċevuta minnufih bil-miktub għal kull applikazzjoni li titwassal sad-dipartiment/diviżjoni/direttorat.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-dipartiment/diviżjoni/direttorat jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet[2].

(c) Fil-każ ta' applikazzjonijiet sottomessi permezz tal-Online Government Recruitment Portal (http://recruitment.gov.mt), tintbagħat ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter bħala rċevuta li l-applikazzjoni tkun daħlet[3].

## 9. Informazzjoni oħra

9.1 Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi, il-GP 47 tintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.2 Fil-każ ta' impjegati tas-Settur Pubbliku li huma ssekondati mas-Servizz Pubbliku jew

[2] Sezzjoni 8.1-8.3(b) - Dan il-paragrafu għandu jintuza fil-kaz ta' postijiet/pożizzjonijiet fil-Gradi Industrijali i.e., meta l-applikazzjoni permezz tal-Portal m'hijiex mandatorja.

[3] Dan il-paragrafu għandu jintuza fil-kaz ta' postijiet/pożizzjonijiet fi Skala ta' Salarju 16 u ogħla, i.e., meta applikazzjoni permezz tal-Portal hija mandatorja.

ħaddiema tal-RSSL, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal rapport ta’ kwanlunkwe perjodu ta’ xogħol b’sigħat imnaqqsa jew fuq bażi part-time, leave mingħajr ħlas inkluż leave ta’ mard mhux imħallas u/jew kwalunkwe perjodu ta’ assenza mid-dmirijiet, kif ukoll rapport ta’ xi azzjonijiet dixxiplinarji (fl-assenza ta’ tali rapport jiġi mifhum li qatt ma ttieħdet azzjoni dixxiplinarja).

9.3 Fil-każ ta’ impjegati fis-Settur Pubbliku ssekondati mas-Servizz Pubbliku, l-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet għandu jagħmel talba għal konferma mid-direttur responsabbli mill-immaniġġjar tan-nies tal-ministeru (fejn l-applikanti jkunu qed iwettqu dmirijiet) li huma qegħdin uffiċjalment iwettqu d-dmirijiet f’dak il-ministeru.

## 10. Żamma ta’ dokumenti

10.1 Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fis-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-politika ta’ żamma ta’ dokumenti li għandhom x’jaqsmu mar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku ta’ Malta, l-informazzjoni personali ta’ dawk l-applikanti li jiġu maħtura f’dan il-post jibqgħu jinżammu għal perjodu ta’ għaxar (10) snin mill-età tal-irtirar mix-xogħol fid-Diviżjoni dwar Nies u Standards, u għal perjodu ta’ għaxar (10) snin mid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg fil-ministeri, u fid-dipartimenti/diviżjonijiet/direttorati kkonċernati. L-applikazzjonijiet l-oħrajn kollha jinżammu sa sena wara l-perjodu ta’ validità tas-sejħa tal-applikazzjonijiet (sakemm, f’dan iż-żmien, ma jiġix reġistrat ilment dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet).

10.2 Fil-każ ta’ pożizzjonijiet li huma ffinanzjati/kofinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea, l-applikazzjonijiet jinżammu għall-perjodu stipulat mir-regolamenti tal-programm tal-Unjoni Ewropea li għalih qiegħda toħroġ is-sejħa għall-applikazzjoni.